# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 39/2019 MH**

**Illum, 16 ta' Novembru 2022**

**L-Avukat Helen Caruana (K.I. Numru 61666M) fil-kwalita' tagħha bħala mandatarja speċjali ta' Enas Gosaibat (Passaport Malti numru 1107860)**

**vs**

**Aġenzija Identita' Malta u Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Helen Caruana noe** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

*"Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tikkonferma:*

1. *Illi r-rikorrenti twieldet f'Malta fil-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) u hija wild ta' genituri Libjani li meta twieldet kienu jirrissjedu f' Malta;*

2. *Illi meta twieldet ir-rikorrenti, il-ligi in vigore li tirregola c-cittadinanza kienet tistabilixxi li trabi ta' genituri barranin li kienu jirrisjedu malta kellhom dritt ghac-cittadinanza Maltija u ghaldaqstnat meta r-rikorrenti applikat ghac-cittadinanza u wara li pprezentat id-dokumenti necessarji in relazzjoni mat-twelid taghha u in konnessjoni mal-genituri taghha, fis-sebgha (7) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), id-dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates fi hdan il-Ministeru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali gharrafha li hija kienet titqies bhala cittadina Maltija mat-twelid;*
3. *Illi r-rikorrenti sussegwentament il-komunikazzjoni sopracitata, applikat ghal hrug ta' passaport Malti u karta ta' l-identita Maltija;*
4. *Illi f'Awwissu li ghadda r-rikorrenti nhtigilha tibdel l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita taghha u ghal dan il-ghan hija zaret l-Agenzija Identita' Malta fejn giet mgharrfa verbalment minn ufficjal ta' l-istess Agenzija li c-cittadinanza taghha kienet giet irtirata;*
5. *Illi r-rikorrenti ttihditilha l-karta ta' l-identita mill-ufficjal ta' l-Agenzija Identita' Malta in kwistjoni u ghadha sal-gurnata ta' llum minghajr karta ta' l-identita;*
6. *Illi, in oltre, r-rikorrenti qatt ma giet informata formalment mill-ebda Awtorita Governattiva Maltija li c-cittadinanza Maltija taghha kienet giet irtirata;*
7. *Illi sad-data ta' l-intavolar tal-kawza 7odjerna, ir-rikorrenti ma rceviet l-ebda komunikazzjoni minn l-ebda Awtorita' jew Ufficcju Governattiv Malti frjn giet informata formalment illi c-cittadinanza Maltija taghha kienet giet irtirata u sabiex tirritorna d-dokument ta' l-identita taghha jew il-Passaport Malti taghha;*
8. *Illi dan l-agir ta' L-Agenzija intimata versu r-rikorrenti sar bi ksur car u lampanti ta' dak li tiddisponi l-Ligi u in partikolari izda mhux biss l-Artikolu 469°(1)(b)(iv) tal-Kap 12 btal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza odjerna;*
9. *Ili fil-11 t'Ottubru, 2018 ir-rikorrenti pprezentat protest gudizzjarju kontra l-konvenuti (kopja annessa u mmarkata bhala Dok B, debitament notifikat, fejn il-lanjanzi taghha ingiebu a konjizzjoni tal-intimati, u dan ghall-effetti kollha li tali protest jista ghandu ghal finijiet tal-ligi;*
10. *Illi minkejja dan, l-intimati baqghu inadempjenti u fil-hamsa u ghoxrin t'Ottubru, 2018 ipprezentaw kontro proteset (kopja annessa u mmarkata Dok C);*
11. *Illi fil-kontro protset sopracitat, il-protestanti jaghmlu referenza ghall-ittra li ntbaghtet lir-rikorrenti fil-15 ta' Marzu, 2018 li pero' r-rikorrenti rceviet tard f'Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) peress li r-rikorrenti dak iz-zmien kienet qieghda tirrisjedi fil-Libja u kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna rritornat Malta fl-ghoxrin (20) ta' Lulju, 2018;*

*12. Illi minkejja li fil-kontro protest in kwistjoni l-protestati jsostnu illi kien meta zewg ir-rikorrenti applika ghac-cittadinanza Maltija illi rrizulta li meta twieldet ir-rikorrenti missierha kien igawdi privileggi u immunitajiet fl-ezecizzju ta' dmirijiet tieghu ta' Diplomatiku Libjan ai termini tal-Artikolu 5(1)(a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghal dan il-ghan kienet intbaghtet ittra lill-protestanta fil-15 ta' Marzu , 2018, kemm fil-kontro protest inniffsu u kif ukoll fl-ittra in kwistjoni, fl-ebda istanza l-protestanta ma giet informata illi c-cittadinanza taghha kienet qieghda tigi rtirata u fl-ebda istanza ma ntalbet tirritorna l-passaport u d-dokument ta' l-identita taghha;*

*GHALDAQSTANT ghar-ragunijiet hawn fuq premessi r-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-ghemil fuq imsemmi tal-intimati, jew min minnhom, imur kjarament kontra l-ligi u li ghalhekk jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 469°(1)(b) stante l-fatt li tali ghemil huwa utra vires ai termini tal-Artikolu 469°(1)(b)(iv) u dan ghaliex dan l-ghemil twettaq minn awtorita' pubblika li ma kienitx awtorizzata sabiex twettqu peress li l-ghemil in kwistjoni jmur mod iehor kontral-ligi;*
2. *Tordna lill-intimati jergghu jqiesu r-rikorrenti bhala cittadina Maltija ghal kull effetti tal-Ligi u lill-agenzija ntimata tirritorna l-karta ta' l-identita lir-rikorrenti;*
3. *Tiddeciedi u tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha dritt tigi kumpensata mill-intimati jew min minnhom minhabba l-fatt li l-ghemil fuq imsemmi jmur kontra l-ligi u konsegwentament tillikwida d-danni dovuti lir-rikorrenti per konsegwenza ta' dan l-ghemil fuq imsemmi;*
4. *Tordna lill-istess intimati, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju jhallsu s-somma hekk likwidata*

*U dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju hawn anness u mmarkat bhala "Dok B", kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata konġunta tal-konvenuti tal-4 ta' Marzu 2019**[1] permezz ta' liema ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*"Teccepixxi bir-rispett Dr Jessica Rita Galea (K.I 283951M) fil-kwalita' taghha ta' Acting Head of Unit tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates bil-gurament taghha tikkonferma:*

***Eċċezzjonijiet preliminari***

1. *Illi in linea preliminari, l-azzjoni attrici giet intavolata fuori termine t-terminu perentorju u ta' dekadenza ta sitt (6) xhur stabbilit fl-Artikolu 469A (3) tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta u għalhekk dina l-azzjoni għandha tiġi dikjarata bħala tali;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors ġuramentat peress li fih kawżali u talbiet alternattivi li huma kontradittorji u kunfliġġenti (allegans contraria non est audiendus), liema talbiet irendu l-istess talbiet inammissibbli u dan stante illi l-attrici qieghda titlob stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv u fl-istess nifs qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tillikwida danni (da liquidarsi);*

3. *Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu fermament illi l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijet ta' Malta) mhux applikabbli stante li l-ghoti jew rtirar tac-Cittadinanza Maltija hija prerogattiva tal-Istat u ma taqax fit-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" li nsibu fis-subinciz 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

***Eccezzjonijiet fil-Mertu***

[1] Fol 16 et seq

4. *Fil-mertu u minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma sar xejn mill-eccepjenti li jista' legalment jattira l-htiega ta' revizzjoni da parti tal-Qorti;*

   *L-ebda persuna originarja minn pajjiz barrani ma ghandha d-dritt li takkwista Cittadinanza Maltija. L-ghoti jew rtirar tac-Cittadinanza jaqaw fl-isfera tal-prerogattiva tal-Istat u d-decizjoni hija necessarjament diskrezzjonali u sigrieta minhabba li tista' timpingi fuq materja ta' sigurta' nazzjonali u public policy. L-Istat mhuwiex legalment marbut jaghti ragunijiet dwar l-ghoti jew irtirar ta' Cittadinanza Maltaija u din id-decizjoni mhijiex appellabbli jew sindakabbli u dan kif stipulat fl-artikolu 19 tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar ic-Cittadinanza Maltija);*

5. *Illi l-esponenti jecepixxu illi permezz tal-applikazzjoni tal-konjugu tal-attrici ghac-Cittadinanza Maltija rrizulta illi l-attrici m'hijiex meqjusa bhala Cittadina Maltija mit-twelid stante illi fi zmien twelida, missiera kien igawdi privileggi u immunitatjiet fl-esercizzju ta' dimirijiet tieghu ta' Diplomatiku Libjan u dan ai termini tal-Artikolu 5 (1) (a) tal-Kap 188 tal-Ligijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' dak rilevat, l-esponenti batu ittra lill-attrici fil-15 ta' Marzu 2018 sabiex jinfurmawa illi hija m'hijiex meqjusa bhala Cittadina Maltija mit-twelid (hawn annessa u mmarkata mar-risposta guramentata bhala* ***Dok 'CD 1'****). Ghaldaqstant m'huwiex minnu dak ddikjarat fir-rikors guramentat in risposta u cjoe illi l-attrici qatt ma giet informata formalment illi c-Cittadinanza Maltija taghha kienet giet irtirata;*

6. *Illi l-esponenti jecepixxu wkoll illi Karta ta' Identita' Maltija tista' tinzamm biss minn cittadin/a Malti/ja, tenut dak eccepiet fis-suespost l-attrici qatt ma kellha dritt zzomm Karta ta' Identita' Maltija u dan ai termini tal-artikolu 4 tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccepjenti jirrespingu bil-qawwa kull allegazzjoni li kien hemm xi nuqqas fit-twettiq tal-poteri fdati lilhom senjatament li dejjem agixxew fil-parametri u b'konformita' shiha mal-Ligi. L-agir tal-esponenti huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet rilevanti u skont il-Ligi. Illi di piu' l-esponenti jecepixxu illi l-agir taghhom m'huwiex ultra vires gialadarba l-Ligi nostrana (vide artikolu 19 tal-KAP 188 tal-*

*Ligijiet ta' Malta) tippermetti illi l-ghoti jew rtirar tac-Cittadinanza jaqaw fl-isfera tal-prerogattiva tal-Istat;*

8. *Illi in kwantu illi l-attrici qieghda titlob bhala rimedju r-rikonoxximent bhala Cittadina Maltija u l-irritornar tal-Karta tal-Identita' taghha lilha, wkoll l-esponenti jeċepixxu illi din il-Qorti ma tistghax tati tali rimedju u dan peress illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti hija prekluża milli tagħti rimedju iżda hija limitata biex tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni u dan peress illi l-Qorti hija prekluża milli tieħu d-deċiżjoni flok l-awtorita' kompetenti. Semmai f'każ l-Qorti tiddeċiedi illi tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-esponenti, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-konvenuti biex huma jaghtu r-rakomandazzjoni u decizjoni taghhom fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;*

9. *Illi fi kwalunkwe każ u strettament bla preġudizzju għas-suespost l-esponenti jeċepixxu illi ċertament li l-esponenti ma aggixewx in mala fede jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A (5) l-esponenti ma jwieġbu għall-ebda danni*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

11. *Bl-ispejjez kontra l-Attrici."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness mar-rikors ġuramentat.

Rat li l-kawża tħalliet għall-provi fuq l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni preliminari stante li waqt is-seduta tas-16 t'Ottubru 2019 il-konvenuti rtiraw it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Rat il-provi tal-partijiet fir-rigward u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni odjerna hija waħda għal stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tal-proċeduri odjerni l-attriċi qegħda tattakka l-aġir tal-konvenuti jew min minnhom dwar deċiżjoni li ttieħed fil-konfront tagħha fejn iċ-ċittadinanza Maltija tagħha ġiet irtirata mill-Awtoritajiet Maltin bil-konsegwenzi kollha li din ġabet magħha u dan mingħajr ma kienet formalment infurmata. Dan kollu fil-fehma tagħha jammonta għal ksur tal-artikolu 469A (1) (b) (iv). Hija qegħda titlob li terġa tibda titqies mill-Awtoritajiet Maltin bħala ċittadina Maltija u li tingħata kumpens li jirrimedja għal dan l-aġir kontra l-liġi tal-konvenuti.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti, apparti l-eċċezzjonijiet preliminari in eżami, fil-mertu rrespinġew dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sintetikamement, mill-atti jirriżulta li –

i. L-attriċi twieldet f'Malta minn ġenituri ta' nazzjonalita' Libjana fil-31 ta' Marzu 1975;

ii. Hija tippremetti li a bażi tal-liġijiet fl-epoka, hija kienet applikat għaċ-ċittadinanza Maltija f'Ottubru 2013 u ġiet mgħarrfa mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates li hija kienet titqies bħala ċittadina Maltija sa mit-twelid;

iii. Kien għalhekk li hija applikat ukoll għall-ħruġ ta' passaport Malti u għall-karta tal-identita' Maltija;

iv. Iżda meta f'Awwissu 2018 hija marret għand l-Aġenzija Identity Malta sabiex tibdel l-indirizz fuq il-karta tal-identita' ġiet infurmata verbalment minn uffiċċjal tal-Aġenzija li ċ-ċittadinanza tagħha kienet ġiet irtirata u konsegwentement itteħditilha wkoll il-karta tal-identita' minn dan l-istess uffiċċjal;

v. L-attriċi tilmenta li sa qabel ma fetħet il-kawża odjerna hija baqgħet ma ġietx infurmata formalment li ċ-ċittadinanza tagħha kienet ġiet irtirata;

vi. Minn naħa l-oħra l-pożizzjoni tal-konvenuti hija li meta r-raġel tal-intimata applika għaċ-ċittadinanza Maltija rriżulta li hija ma kinitx meqjusa bħala ċittadina Maltija mit-twelid stante li meta twieldet hija, missierha kien igawdi minn privileġġji u immunitajiet fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu ta' Diplomatiku Libjan ai termini tal-artikolu 5 (1) (a) tal-Kap 188;

vii. Permezz ta' ittra ndirizzata lill-attriċi u datata 15 ta' Marzu 2018, Identity Malta nfurmatha hekk –

*"....I regret to inform you that it has transpired that you are nor deemed to have become a citizen of Malta at birth, given the confirmation by the Maltese Ministry of Foreign Affairs that at the time of your birth, your father enjoyed privilges and immunities in the exercise of his duty at the Libyan Embassy in Malta by means of article 37 (2) of the Vienna Convention, which article forms part of Maltese*

*Law by means of the Diplomatic Immunities and Privileges Act (Chapter 191 of the Laws of Malta).*

viii. Fl-istess ittra saret referenza għall-artikolu 5 (1) tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188) li jipprovdi hekk -

*"5. (1) Kull min jitwieled f'Malta fi jew wara l-ġurnata stabbilita għandu jitqies li jkun sar jew isir ċittadin ta' Malta fil-ġurnata tat-twelid tiegħu:*

*Iżda fil-każ ta' persuna mwielda fi jew qabel il-31 ta'Lulju, 1989, dik il-persuna ma għandhiex titqies li tkun saret ċittadin ta' Malta bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk fil-waqt tat-twelid tagħha –*

*(a) ebda wieħed mill-ġenituri tagħha ma kien ċittadin ta' Malta u missierha kellu dik l-immunità minn kawżi u proċeduri legali bħalma hija mogħtija lil envoy ta' potenza sovrana barranija akkreditat lil Malta; jew*

*(b) missierha kien frustier għadu u t-twelid sar f'post li f'dak iż-żmien kien taħt okkupazzjoni mill-għadu:"*

ix. Ingħad ukoll fl-ittra li jekk l-attriċi għexet f'Malta sa mit-twelid hija setgħet tissottometti applikazzjoni biex takkwista ċittadinanza b'naturalizzazzjoni ai termini tal-artikolu 10 (1) tal-Kap 188. F'kull każ pero' huwa l-Ministru responsabbli minn materji marbuta ma' ċittadinanza li għandu d-diskrezzjoni jew jagħtix jew jirrifjutax talbiet magħmula taħt l-Att imsemmi;

x. L-attriċi xehdet[2] li fl-epoka li ntbagħtet l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018 hija ma kinitx tinsab f'Malta. Spjegat li mill-5 ta' Ġunju 2016 sal-20 ta' Lulju 2018 hija kienet qed tgħix ġewwa l-Libja u matul dak il-perjodu kollu hija ma ġietx hawn. Hija esibiet ukoll provi dokumentarji biex tissostanzja dan.

xi. Xehdet ukoll li hija saret taf bl-ittra in kwistjoni wara li ġew lura Malta f'Lulju 2018 u ġurnata minnhom li kienet jew it-Tnejn jew it-Tlieta marret biex tbiddel il-karta tal-identita' tagħha u qalulha li kien hemm problema biha. Dakinhar stess fl-għaxija hija kienet marret tħabbat lill-familja li sadanittant il-post kien ġie mikri lilhom mis-sidien u dawn tawha diversi korrispondenzi li jappartjenu lilha u li kienu waslu f'dik ir-residenza fl-assenza tagħha u ta' familtha fosthom ittri mill-iskola tat-tfal u mill-poliklinika. Ma dawn l-ittri kien hemm ukoll l-ittra in kwistjoni tal-15 ta' Marzu 2018;

xii. Dwar l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018 xehdet Claire Marie Axiaq[3], uffiċjal fi ħdan il-Unit taċ-Ċittadinanza li qalet li din l-ittra ġiet impustata mid-Dipartment jew dakinhar stess tad-data tal-ittra in kwistjoni jew l-għada u qatt ma ġiet lura. <u>Senjatament qalet li l -ittra ntbagħtet fl-indirizz provdut mill-attriċi stess permezz ta' kopja tal-karta tal-identita' tagħha</u>;

xiii. <u>Mill-estratti relattivi tar-Reġistru Elettorali għas-snin 2017, 2018 u 2019[4] jirriżulta li r-residenza tal-attriċi kienet fl-istess indirizz li hija kienet provdiet lid-Dipartiment u li fih intbagħtet l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018;</u>

[2] Fol 27° et seq
[3] Affidavit a fol 109 u xhieda viva voce fol 120 et seq
[4] Fol 113 et seq

xiv. Permezz ta' email datata 30 ta' Lulju 2018[5] il-konsulent legali tal-attriċi talbet appuntament ma' **Marie Claire Axiaq** għan-nom tal-Unit taċ-Ċittadinanza dwar iċ-ċittadinanza tal-attriċi. Saret laqgħa bejn il-partijiet fl-1 t'Awwissu 2018. Fl-20 t'Awwissi 2018 il-konsulenti legali tal-attriċi talbu li ssir laqgħa oħra bejn il-partijiet konċernati liema talba pero' ma ġietx milqugħa stante li d-Dipartiment infurmahom li ma kellu xejn xi jżid ma' dak li diġa kien diskuss fil-laqgħa tal-1 t'Awwissu 2018[6];

xv. Xehed ukoll **Jamal Nuri Musbah Alahamar**[7] li qal mill-24 ta' Settembru 2017 sal-2021 huwa flimkien ma' familtu kienu qegħdin jgħixu fl-indirizz li fih kienet reġistrata l-attriċi u ċioe' The Podium, Block E, Flat 12, Triq San Mark, San Ġiljan. F'dak il-perjodu huma ġieli rċevew posta ndirizzata lill-attriċi u żewġha Mostafa Khalifa. Huwa kien iżomm din il-posta sakemm huma jew min minnhom jiġu Malta u mbagħad kien itihilhom;

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti** tgħid hekk –

*"Illi in linea preliminari, l-azzjoni attriċi ġiet intavolata fuori termine t-terminu perentorju u ta' dekadenza ta' sitt (6) xhur stabbilit fl-artikolu 469A (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din l-azzjoni għandha tiġi dikjarata bħala tali."*

**It-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti** tgħid hekk –

[5] Fol 126
[6] Fil 125
[7] Affidavit a fol 130 u xhieda viva voce waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2021

*"Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu fermement illi l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux applikabbli stante li l-għoti jew irtirar taċ-Ċittadinanza Maltija hija prerogattiva tal-Istat u ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amminstrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta."*

**L-artikolu 469A tal-Kap 12** jipprovdi li -

*469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(.....)*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(.....)*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F'dan l-artikolu –*

*"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant,deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:*

*Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi*

*notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;*

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.*

*(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel,b'dak l-egħmil amministrattiv."*

1. **<u>Eċċezzjoni Preliminari dwar l-applikabilita'tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

Il-Qorti sejra l-ewwel titratta u tiddeċiedi dwar **it-tielet eċċezzjoni preliminari** peress li din tolqot l-applikabilita' għall-fattispeċje tal-każ odjern tal-artikolu 469A li fuqu hija pprenjata l-kawża attriċi.

Din l-eċċezzjoni hija nfondata.

Kif irriżulta mis-suespost, il-kwistjoni li wasslet biex sabiex l-attriċi tintavola l-proċeduri odjerni hija marbuta mal-irtitar taċ-ċittadinanza tagħha mill-konvenuti odjerni jew min minnhom.

Il-kontenut tal-ittra tal-15 ta' Marzu 2018 juri bl-aktar mod ċar id-deċiżjoni finali meħuda mill-awtoritajiet governattivi dwar il-kwistjoni.

Kwindi huwa pależi li talba tal-attriċi sabiex din il-Qorti tistħarreġ l-egħmil tal-awtoritajiet governattivi fit-teħid ta' tali deċiżjoni tiffigura fil-kuntest tad-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" ai termini tal-artikolu 469A (2) tal-Kap 12. Dan peress li sabiex ittieħdet id-deċiżjoni kontestata neċessarjament kien hemm eżerċizzju ntern amministrattiv fi ħdan l-entita' governattiva li wassal għad-deċiżjoni li mbagħad ġiet komunikata lill-attriċi, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern permezz ta' l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018.

Ingħad hekk fil-każ **Halima Zbat vs Direttur taċ-Cittadinanza u Expatriate Affairs deċiż fit-22 ta' Settembru 2022** li ċaħdet eċċezzjoni simili[8] għal dik in eżami wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet-

*"L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Direttur hija fis-sens, li dak li qed tilmenta minnu r-rikorrenti ma hux "għemil amministrattiv" fis-sens tad-definizzjoni ta' din il-frażi taħt artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Għalhekk, l-ewwel ma għandu jkun deċiż huwa dan il-punt legali, għaliex jekk dak li qed jgħid il-konvenut Direttur huwa minnu allura l-kwistjoni tieqaf hawn u tgħaddi biex tiċħad it-talbiet attriċi kif magħmula.*

*L-għemil Amminstrattiv*

*F'dan ir-rigward din il-Qorti tgħaddi mill-ewwel biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Prim'Awla tat-12 ta' Diċembru, 2017 fl-ismijiet* ***L-Avukat Dottor Alexander Schembri -vs -L-Agenzija Identita' Malta*** *fejn ġie osservat hekk.*

[8] L-eċċezzjoni kienet tgħod hekk - *"Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jeċepixxu fermament illi l-Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) mhux applikabbli stante li l-għoti taċ-ċittadinanza Maltija hija prerogattiva tallstat u ma taqax fit-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' lArtikolu 469A tal-Kap. 12"*

*"Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li t-talba tal-attur biex tingħata ċittadinanza u l-proċess li wettqet l-Aġenzija mħarrka biex tistħarreġ t-talba tiegħu huwa proċess amministrattiv għaliex jikkostitwixxu talba lill-awtorita' pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni, deċiżjoni li ttieħdet u ġiet mgħarrfa lill-attur. Fil-fatt, ir-rifjut tat-talba taqa' wkoll, skond il-liġi, fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif imfisser fl-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.*

*Fit-tieni lok,…… jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenzja, permess jew warrant ma ssirx bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'.*

*Iżda mhux kull kitba li toħroġ min ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni". Biex ikollha il-kwalitajiet ta' deċiżjoni, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkun sarulha". (Emfażi tal-Qorti)....Din il-fehma hija ukoll imsaħħa minn Sentenza oħra tat-30 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet* ***Liquigas Malta Limited -vs- Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma et****. L-istess prinċipju ġie ribadit fis-Sentenza fl-ismijiet* ***Hamid Rami - vs- Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et*** *Tal-Prim' Awla tas-7 ta' Frar 2014."*

Ingħad hekk fil-każ **Enas Sobhy Zaky Ibrahim Attia vs Direttur taċ-Ċittadinanza deċiż fid-29 ta' Novembru 2018** fejn għal darb'oħra ġiet respinta eċċezzjoni simili għal dik in eżami fil-kawża odjerna -

*"Illi l-imħarrkin jgħidu li kwestjonijiet marbuta mal-għoti jew maċ-ċaħda ta' talbiet għal ċittadinanza ma jitqisux bħala egħmejjel amministrattivi kif mifhuma*

*mil-liġi dwar stħarriġ ġudizzjarju. Minbarra dan, iżidu jgħidu li l-liġi nnifisha tgħid li Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti;*

*(.....)*

*Illi l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser wieħed x'għandu jifhem bil-kliem "egħmil amministrattiv". Dak l-artikolu jgħodd għall-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut li jsir minn xi awtorità pubblika għal talba ta' xi persuna, imma ma tgħoddx fiha xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni fi ħdan l-istess awtorità. Fi kliem l-istess artikolu, iċ-ċaħda ta' talba titqies ukoll bħala "egħmil amministrattiv" u n-nuqqas ta' għoti ta' tweġiba jew deċiżjoni fiż-żmien preskritt titfisser ukoll bħala ċaħda tat-talba. Fl-istess artikolu b'"awtorità pubblika" l-liġi tifhem il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwiti permezz ta' liġi;*

*Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni mhix mistħoqqa. Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li t-talba tal-attriċi biex tingħata ċittadinanza u l-proċess li twettaq biex tistħarreġ t-talba tiegħu huwa proċess amministrattiv għaliex jikkostitwixxu talba lill-awtorità pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni, liema deċiżjoni ttieħdet u ġiet mgħarrfa lill-attriċi. Fit-tieni lok, huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorità pubblika. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni". Biex ikollha il-kwalitajiet ta' deċiżjoni, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika*

*li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha . F'din il-kawża, ma hemmx dubju li l-ittra mibgħuta mid-Direttriċi mħarrka għalqet għal kollox il-kwestjoni li ġiet mitluba tistħarreġ bl-applikazzjoni mressqa mill-attriċi, tant li meta ġiet mitluba biex tagħti spjegazzjoni jew ir-raġunijiet li wasslu għar-rifjut min-naħa tagħha, baqgħet ma weġbitx. F'din l-eċċezzjoni nnifisha l-imħarrkin jgħidu li dak li jkun wassal lill-Ministru biex jiċħad talba għall-għoti ta' ċittadinanza hija l-aħħar kelma tiegħu u l-ebda appell ma jista' jsir minn dik id-deċiżjoni u lanqas isir stħarriġ dwarha minn xi qorti, u li l-kwestjoni kellha tieqaf hemm;*

*Illi dan iwassal lill-Qorti għall-argument tal-imħarrkin meta jiċċitaw l-artikolu 19 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija. Fil-fehma tagħha, dan l-argument imur lil hinn mill-ewwel eċċezzjoni taħt l-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u jolqot fil-fatt il-mertu tal-kawża li għad irid jiġi mistħarreġ aktar 'il quddiem. Dak li l-Qorti iżda tista' tgħid f'dan l-istadju huwa li l-proċess mitlub mill-attriċi mhuwiex meħlus mill-istħarriġ ġudizzjarju kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu jekk l-awtorità pubblika tkunx imxiet mar-regoli ta' proċedura li l-liġi nnifisha tistabilixxi li għandha ssegwi u l-mod kif tqis l-applikazzjoni li jkollha quddiemha, u kif ukoll fuq livell amministrattiv ta' stħarriġ ġudizzjarju . Dan naturalment jingħad bl-għarfien tal-limiti li fihom jista' jsir stħarriġ bħal dan minn din il-Qorti, mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità li lilha l-liġi tat dik is-setgħa. Hu mħolli għall-awtorità pubblika li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil amministrattiv li jkun u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. Jekk, wara li tifli l-eżerċizzju, din il-Qorti jidhrilha li għandha tħassar id-deċiżjoni tal-awtorità, kulma trid tagħmel il-Qorti hu li terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità pubblika għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;"*

Fid-dawl tas-suespost, ladarba l-artikolu 469A huwa fil-fatt applikabbli għall-każ odjern, **l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti mhijiex ġustifikata u għalhekk ser tiġi miċħuda**.

2. **Eċċezzjoni Preliminari dwar l-azzjoni li hija *fuori termine***

Fl-ewwel eċċezzjoni, il-konvenuti jargumentaw li l-azzjoni attriċi ġiet intavolata *fuori termine* u ċioe' aktar tard mill-perjodu ta' 6 xhur ai termini tal-artikolu 469A (3) tal-Kap 12.

Kif ingħad fil-każ **Malta Towage Limited vs Id-Direttur tas-Sajd deċiż fit-3 ta' Ottubru, 2017 -**

*"Il-perjodu li fih tista' tiġi impunjata tali deċiżjoni hu wieħed ta' dekadenza li ma jiġix interrott jew sospiz (ara per eżempju **Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pieta**, App 19/05/2009)."*

Inoltre, ingħad hekk fil-każ **Michael Mizzi v. L-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta deċiż fl-10 ta' Novembru 2008 -**

*".....il-Qorti jidhrilha li l-Artikolu 469A (3) huwa ċar meta jgħid li l-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf bl-ordni amministrattiva li jkun qed jilmenta minnha. Dan l-artikolu ma jsemmi xejn dwar il-mod li fih l-attur għandu jsir jaf . Kieku l-leġislatur kellu intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta*

*b'ordni amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament li dan kien jiġi indikat fl-artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perijodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar."*

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, l-attriċi saret taf jew setgħet issir taf bid-deċiżjoni tal-awtoritajiet governattivi permezz ta' l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018.

Evidentement mill-atti, l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018 ġiet debitament notifikata lill-attriċi fl-indirizz mogħti u porovdut minnha stess lill-awtoritajiet. Għalkemm id-data preċiża tan-notifika ma hijiex magħrufa mill-atti l-Qorti tqis li, **fuq bażi ta' probabilta'**, xorta hija f'qagħda li tasal għall-konklużjoni li l-azzjoni attriċi hija *fuori termine* a bażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Jekk l-attriċi, għal raġunijiet tagħha, ma nfurmatx lill-awtoritajiet kompetenti Maltin dwar il-bidla fiċ-ċirkustanza tagħha, u ċioe' li minn Lulju 2016 hija ma kinitx qegħda tirrisjedi fil-fond, allura bir-raġun li l-korripondenza kienet ser tibqa tiġi mwassla lilha f'dak l-indirizz;

2. U jekk l-attriċi u żewġha għażlu li għal dak li jirrigwarda posta huma jistrieħu fuq terza persuna, kompletament injota għall-awtoritajiet, sabiex iżżommilhom il-korrispondenza sakemm xi ħadd minnhom jiġi Malta allura tali responsabilta' hija unikament tal-attriċi u ta' żewġha bil-konsegwenzi kollha li din l-għażla ġġib magħha;

3. Ferm il-premess, a bażi tax-xhieda ġuramentata mir-rappreżentant tal-konvenuti li l-ittra tal-15 ta' Marzu 2018 ġiet impustata jew dakinhar stess jew l-għada u qatt ma ġiet lura, allura l-ittra hija meqjusa li waslet għand Jamal Nuri Musbah Alahmar għal massimu tmint ijiem wara u ċioe' fit-23

ta' Marzu 2018. U b'dan l-attriċi setgħet issir taf bl-ittra għall-finijiet u effetti tal-liġi. Tenut kont li l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-17 ta' Jannar 2019 allura deċiżament li l-kawża tkun *fuori termine* għax ikunu skorrew circa għaxar xhur;

4. Għalhekk, l-azzjoni tal-attriċi hija meqjsua tardiva ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 u ma tistax tipproċedi fil-Qorti quddiem il-Qorti;

5. Finalment u għal kull buon fini ma jistax ma jiġix innutat li għalkemm kif xehdet hi stess, l-attriċi waslet lura Malta mill-Libja fl-20 ta' Lulju 2018, xorta damet għaxar t'ijiem sat-30 ta' Lulju 2018 biex permezz tal-l-avukat tagħha titlob li jsir appuntament mal-uffiċjali tad-Dipartiment dwar il-kwistjoni taċ-ċittadinanza. L-istess inerzja kompliet tintwera mill-attriċi meta wara l-laqgħa bejn il-partijiet tal-1 t'Awwissu 2018 – bil-perjodu ta' 6 xhur dekadenza dejjem għaddej – reġgħet ħalliet 20 jum ieħor sakemm talbet it-tieni appuntament. U meta ma kien hemm ebda dubju permezz ta' l-email tal-entita' governattiva tal-21 t'Awwissu 2018, li l-awtoritajiet kienu ħadu deċiżjoni finali dwar iċ-ċittadinanza tagħha u ma kinuex lesti jirrikonsidraw il-pożizzjoni tagħhom, l-attriċi reġgħet għal darb' oħra ħalliet kważi ħames xhur jgħaddu qabel intavolat il-kawża odjerna fis-17 ta' Jannar 2019. Tista' tgħid li okkorra ġabitu b'idejja l-attriċi. Ukoll li kien u jibqa' nkombenti fuq kull minn jibdel indirizz li jinforma b'hekk lil awtoritajiet kompetenti.

   Raġġunti dawn il-konklużjonijiet, l-**ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti** sejra għalhekk tiġi milqugħa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

1. **Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti iżda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħhom u tiddikjara li l-azzjoni odjerna ntavolata mill-attriċi hija *fuori termine* l-perjodu ta' sitt xhur stabbiliti mill-leġislatur ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **L-ispejjeż ikunu a karigu tal-attriċi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**